GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

# SETTEMBRU 2025

**Suġġett:** Malti

**Data:** 10 ta' Settembru 2025

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba. It-tweġiba finali tiegħek trid tkun immarkata b'linka blu jew sewda.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**




- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima A: Aqra sewwa t-test li għandek fuq karta separata u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**XI ANNIMALI "TA' MALTA"**

It-test issibu fuq karta separata bil-kulur.

**Il-Mistoqsijiet:**

1. Din is-silta titqies bħala waħda
   a) reliġjuża.
   b) politika.
   ċ) informattiva.
   d) sportiva.

2. Xi annimali u tjur jissejħu 'Ta' Malta' għax
   a) ma jeżistu mkien ħlief f'Malta.
   b) dawk li nsibu f'Malta huma differenti minn ta' pajjiżi oħra.
   ċ) il-Maltin biss jafu jieħdu ħsiebhom sew.
   d) pajjiżi barranin ma jużawhomx.

3. Il-ħmar Malti kien magħruf għax kien
   a) kbir u b'saħħtu.
   b) tajjeb ħafna għall-ikel.
   ċ) jiflaħ jaħdem fix-xemx qawwija ta' Malta.
   d) bieżel u jimxi ankè fuq art imħarbta.

4. Illum insibu l-ħmar Malti f'pajjiżi oħra għaliex
   a) dawn il-pajjiżi xtraw minnu u kabbruh f'pajjiżhom.
   b) il-Maltin li emigraw ħaduh magħhom.
   ċ) il-Ministeru tal-Agrikoltura kien jesporta l-ħmir Maltin.
   d) il-bdiewa Maltin partuh ma' żwiemel u bhejjem aħjar minn barra.

5. Illum qed isiru bosta sforzi minn dilettanti Maltin biex
   a) iżidu l-popolazzjoni tal-ħmir oriġinali f'Malta.
   b) isibu ħmir aħjar minn dak Malti u jrabbuhom f'pajjiżna.
   ċ) il-ħmar Malti jkun protett mil-liġi tal-Unjoni Ewropea.
   d) jużaw aktar inġenji fix-xogħol flok il-ħmir.

6. Fl-imgħoddi, il-Maltin kienu jixorbu l-ħalib
   a) tal-baqar.
   b) li jiġi minn barra.
   ċ) tal-mogħoż.
   d) tat-trab.

7) Illum il-mogħża Maltija
a) hija abbundanti u ssibha fl-irziezet kollha.
b) inqerdet għal kollox u m'għadhiex teżisti.
ċ) issibha biss f'Għawdex.
d) qed tiżdied bil-mod il-mod biex ma tinqeridx.

8. Il-baqra Maltija kienet użata mill-bdiewa Maltin
a) biex jaħdmu l-għelieqi tagħhom.
b) għal-laħam u l-ikliet speċjali tal-festi.
ċ) għall-esportazzjoni tal-laħam tagħha fl-Italja.
d) għat-trasport ta' materjal goff u tqil.

9) Il-baqra Maltija nqerdet minħabba li
a) ma fadalx iktar raba' u bdiewa li jaħdmuh.
b) feġġet marda kiefra li qatlithom kollha.
ċ) l-bdiewa bdew jużaw inġenji moderni biex jaħdmu r-raba'.
d) ma fadalx nies dilettanti li jrabbuhom.

10) Il-plural ta' **mogħża** huwa
a) mgħoż.
b) mgħos.
ċ) mogħoż.
d) mwejjeż.

11) L-aġġettiv fil-frażi '**fihom m'għandniex annimali kbar**' huwa
a) fihom.
b) m'għandniex.
ċ) annimali.
d) kbar.

12) Il-frażi '**kellu fama tajba ħafna**' tfisser li l-ħmar Malti
a) kien magħruf għax kellu widnejh kbar.
b) kien maħbub u użat ħafna mill-bdiewa.
ċ) ma tantx kienu jużawh il-bdiewa.
d) ma kellu xejn speċjali u ta' valur.

13) L-għerq tal-verb '**tissejjaħ**' huwa
a) T-S-JJ-Ħ.
b) S-JJ-Ħ.
ċ) T-S-J-Ħ.
d) S-J-Ħ.

14) Frażi oħra li tfisser l-istess bħal '**kważi wasalna biex nitilfuh għalkollox** ' hija

a) kien hawn ħafna ħmir jiġru fit-toroq.

b) ħafna ħmir kienu jaħarbu lill-bdiewa u jintilfu jiġru fit-toroq.

ċ) li tant naqset il-popolazzjoni tal-ħmir li kienu fil-periklu li ma jibqgħux jeżistu.

d) illum il-ħmar Malti nqered għal kollox u m'għadekx issibu.

15) Il-kelmiet '**ħmar, mogħża, u baqra**' kif użati fit-test huma

a) nomi.

b) verbi.

ċ) pronomi.

d) aġġettivi.

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marki**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

**Iż-Żejt Jitla' f'Wiċċ l-Ilma**

L-Ispettur Micallef, minn wara l-iskrivanija goffa tiegħu, sejjaħ lis-Surġent tal-Għassa biex jgħajjat lill-akkużati u l-vittma flimkien ma' xi xhieda oħra biex jara eżattament x'ġara. Jake rabba kuraġġ ta' sur u beda jistqarr il-verità.

"Barra kien diġà dlam ċappa. Kif Roana spiċċat mix-xogħol, għalqet il-bieb tal-ħanut u sakkritu bil-kanċell tal-ħadid. Rajtha dieħla fid-daħla li tagħti għall-appartament tagħha li kien tefgħa ta' ġebla 'l bogħod. Stennejt ħames minuti u ħriġt minn fejn kont mistoħbi. Dħalt mit-tieqa tal-ħanut li kont naf li kienet żgassata. Bdejt infittex il-konvenju, imma ħin bla waqt smajt il-kanċell tal-ħadid jinfetaħ. Ksaħt, qbadt lasta ta' xkupa li ġiet quddiem għajnejja dak il-ħin u bil-fixla lgħabt daqqa kif tmiss il-liġi lill-persuna li tfaċċat fil-bieb. Ilqattha u waqgħet lura. Kienet Roana! Naħlef, ma ridtx inweġġagħha."

"U għaliex dħalt fil-ħanut ta' Roana?" staqsa l-Ispettur Micallef.

"Hu ġegħelni," qal b'leħen għoli Jake filwaqt li pponta lejn Karl Ciappara. "Karl riedni ngħinu biex jitħassar il-konvenju."

"Giddieb! Aqtagħha. Iddaħħalni f'xejn lili!" beda jgħajjat Karl. Iżda Jake aktar irvilla.

"Kieku ma daħħaltnix f'din il-bawxata, kieku ma nqala' xejn minn dan." Jake dar lejn Roana. "Karl ried li l-bejgħ tal-ħanut ma jirnexxix, għax xi ħadd offrielu prezz ħafna aħjar. Wegħedni li jekk jirnexxili nfixkel il-konvenju, jagħtini somma flus."

"Giddieb. Il-kelma tiegħu kontra tiegħi. Temmnuhx," kompla jitmasħan Karl.

"Imma se jemmnuni tafx!" għolla leħnu lura Jake. "Għax meta tkellimna u ftehemna, kont qed nirrekordjak!"

Ma' dak il-kliem, Karl ipprova jħebb għal Jake u f'daqqa waħda qamet għagħa sħiħa. Karl ġie miżmum minn David u l-Ispettur Micallef, filwaqt li Marija u Nina żammew lil Jake.

L-affari kkalmat hekk kif l-Ispettur Micallef għamel l-arresti. Eventwalment, Jake Formosa ġie akkużat b'attentat ta' qtil mhux premeditat, u Karl Ciappara b'kompliċità. Ħareġ ukoll li kien Karl li kien żgassa t-tieqa tal-ħanut ta' Roana. Id-destin ried li Karl kellu jżomm kelmtu u jbigħ il-proprjetà lil Roana. Finalment, il-flus li qala' kellu bżonnhom biex iħallas lill-avukati tiegħu.

(Adattament mill-ktieb 'Il-Każ tal-Bottegin tax-Xorti' ta' John Bonello)

**Il-Mistoqsijiet:**

16. F'liema post taħseb li l-Ispettur Micallef laqqa' lill-akkużati u lill-vittma?
    a) F'kamra tal-qorti.
    b) F'għassa tal-pulizija.
    ċ) Fil-ħanut ta' Roana.
    d) Fid-dar ta' Jake.

17. Għaliex taħseb li Jake ddeċieda li jagħmel dak li qallu Karl ?
    a) Għax ried jaqla' kemxa flus bla tbatija.
    b) Ried jixtri l-ħanut hu flok Roana.
    ċ) Ried jinħabb ma' Karl.
    d) Xtaq jinkwieta lil ommu.

18. Jake kien mistoħbi qrib il-ħanut ta' Roana biex
   a) josserva lil Roana waqt xogħolha.
   b) jisraq il-flus tal-ħanut.
   ċ) jiltaqa' bil-moħbi ma' Roana.
   d) jistenna lil Roana toħroġ mill-ħanut.

19. Għaliex Jake qabad il-lasta ta' xkupa meta sema' l-kanċell jinfetaħ?
   a) Għax ried jiknes il-ħmieġ li ħalla.
   b) Għax ried iweġġa' lill-persuna li tfaċċat għal għarrieda.
   ċ) Għax ried jobdi l-ordnijiet ta' Karl.
   d) Għax ried jiddefendi l-kaxxa tal-flus li seraq.

20. X'inhi t-tema ewlenija ta' din is-silta?
   a) Il-vjolenza tista' tintuża biex tikseb li trid.
   b) Il-flus jistgħu jagħmuk u tagħmel dak li ma tridx.
   ċ) Il-ħbieb leali jaqbżu għalik f'kull ċirkostanza.
   d) It-teknoloġija hija dejjem utli.

21. X'kien l-għan prinċipali ta' Karl Ciappara?
   a) Li jwaqqa' l-ftehim tal-bejgħ.
   b) Li jżomm il-ħanut għalih.
   ċ) Li jhedded lil Roana.
   d) Li jġelled lil Jake minn ma' Roana.

22. Jake 'irvilla' meta Karl ipprova jwaqqagħlu kliemu. Din tfisser li
   a) beda jibża' li Karl se jwaħħal kollox fih.
   b) ħa gost għax ħareġ ta' raġel ma' Karl.
   ċ) ma ħax gost bil-kliem tal-Ispettur.
   d) telgħulu għax ra lil kulħadd kontra tiegħu.

23. Jake salva lilu nnifsu minn sitwazzjoni kerha għax
   a) kellu lill-Ispettur jaqbeż għalih.
   b) kellu r-rikordings bħala prova ta' dak li qal.
   ċ) Roana kienet lesta li taħfirlu.
   d) ma kienx hemm provi biżżejjed kontrih.

24. Għaliex kien daqshekk importanti dan il-konvenju għal Karl?
   a) Riedu biex ibigħ il-ħanut lil ħaddieħor u mhux lil Roana.
   b) Għax kien jiswa ħafna flus billi kien dokument antik.
   ċ) Bis-saħħa tiegħu Jake kien ser isir sinjurun.
   d) Kien prova kbira fuq serqa li saret fil-ħanut.

25. X’inhu l-messaġġ morali ta’ din l-istorja?
   a) Min ikun kompliċi jeħlisha ħafif.
   b) Min jistqarr il-verità jħossu aħjar minkejja l-konsegwenzi.
   ċ) Min ma jistqarrx il-verità jeħles mill-konsegwenzi.
   d) Min ikun l-aktar b’saħħtu joħroġ rebbieħ.

26. Iz-zokk morfemiku ta’ ‘kkalmat’ hu:
   a) kkal
   b) kalma
   ċ) kalm
   d) ikkal

27. Minn ‘serq’ noħorġu ‘serqa’ u minn ‘qtil’ noħorġu
   a) qtilna
   b) qatilha
   ċ) oqtolni
   d) qatla

28. ‘jistqarr’ tfisser:
   a) Ma qal xejn.
   b) Qal il-verità kollha.
   ċ) Mar iqerr il-Knisja.
   d) Tkellem fl-Ingliż.

29. Il-komparattiv ta’ għoli hu:
   a) ogħla
   b) l-ogħla
   ċ) l-għola
   d) għola

30. Il-kelma ‘miżmum’ titqies bħala:
   a) verb
   b) parteċipju attiv
   ċ) nom mimmat
   d) parteċipju passiv

**15-il mistoqsija x 2 marki = 30 marka**

**TAQSIMA Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

## VANTAĠĠI U ŻVANTAĠĠI LI TKUN MALTI

M'iniex se nigdeb: lanqas naf kemm-il darba sħitt is-siegħa li ġejt hawnhekk. Ingerger miċ-ċokon, nilmenta mill-baħar li jdawwarni, inqarras wiċċi bl-istramberiji u l-egoiżmu tal-ġirien li jdawru lil dan-naqra ta' pajjiż, nibki meta niftakar fil-faqar li għandna u tant dispjaċiri oħra, imma mbagħad nieqaf ftit u ngħid, "Imma tassew?"

Malta hija gżira f'nofs baħar ċkejken li, iżda, minnu ħarġu ideat li biddlu d-dinja! Saħansitra hawn min isejjaħ lill-Mediterran, "il-benniena taċ-ċiviltà"! Mela aħna, il-Maltin ta' żmienna aħna l-werrieta ta' dan il-kumpliment. Nagħmlu tajjeb li nindokrawh biex ta' warajna jgawdu minnu wkoll, mhux ikollhom għal xiex jistħu minn u jisħtu lil nisilhom: aħna.

Il-fatt li aħna gżira maqtugħa għal kollox jiżolana, imma ppustjati kif aħna bejn il-kontinent Ewropew u dak Afrikan jagħmel minna taħlita tat-tajjeb u l-ħażin tat-tnejn. Sabiħ li qisna ħolqa li tgħaqqad tant kulturi kbar u importanti, imma gżira faċilment tinqata' mid-dinja u tmur għal riħha.

L-iżolament hu ħaġa tal-biża' sakemm ma jkollokx ħażna ta' ġid li tista' ddur għalih meta tiġi bżonnu. Pajjiżna żgur li ma jistax jiftaħar b'riżorsi – irridu nqanqċu mill-ftit li għandna u ma nistgħux naħlu bla rażan. Kollox għal wiċċna - forsi għalhekk, aħna l-Maltin imfaħħrin għall-għaqal li għandna.

Iċ-ċokon hawn min iħares lejh bħala ħaġa tajba. Tasal malajr kullimkien, imma hawn ukoll min jargumenta li ċ-ċokon jillimitana milli niżviluppaw bħal pajiżi kbar. Imbagħad jissemma ukoll l-iffullar: għal kull għadma sar hawn elf kelb u jekk ma taħtafx jaħtfu qablek. Jingħad li kulħadd moħħu fi ħwejjeġ ħaddieħor, imma jgħidu wkoll li qalb il-Maltin hi kbira u li l-għajnuna ssibha kull fejn tfittex.

Jien naħseb li jekk wieħed ifittex, aktar isib preġji milli difetti. Il-qagħda tagħna tfakkarni f'ta' tarbija mdawra b'familtha u, minkejja li m'għandna għax nistennew xejn speċjali mill-barranin, ta' min iżomm f'moħħu li s'issa kampajna, xi kultant aħjar minn ħaddieħor ukoll. Meta niltaqgħu ma' Maltin li emigraw, ninnotaw li xorta baqgħu Maltin u ftit ikunu dawk il-karatteristiċi li jibdlu, filwaqt li jżommu bosta minn dawk li siefru magħhom minn Malta. Dan jista' jittieħed bħala reklam tal-ħafna tajjeb li għandna, għax kieku kienu jibdluhom mal-ewwel okkażjoni li tiġihom. Naħseb li m'għandix għax ingerger wisq għax ġejt Malti.

**Il-Mistoqsijiet**:

31. X'jindika l-awtur meta jgħid "lanqas naf kemm-il darba sħitt is-siegħa li ġejt hawnhekk"?
    a) Li jħobb ħafna l-pajjiż.
    b) Li jmur Malta ta' spiss.
    ċ) Li ħafna drabi kien iddispjaċut.
    d) Li dejjem kien kuntent f'Malta.

32. X'inhu s-sentiment dominanti fil-bidu tas-silta?
    a) Ottimiżmu.
    b) Ġibda lejn il-passat.
    ċ) Frustrazzjoni u kritika.
    d) Tifħir bla qies.

33. Għaliex l-awtur jgħid: "Imma tassew?"
   a) Għax ma jemminx x'għadu kif qal.
   b) Biex iwaqqaf ruħu milli jibqa' jgerger.
   ċ) Biex jikkonferma l-argument tiegħu.
   d) Biex juri skantament.

34. X'inhu l-għan tas-silta?
   a) Tgħid storja dwar il-ġirien.
   b) Tiddeskrivi x-xenarju ta' Malta.
   ċ) Tirrifletti fuq is-sabiħ u l-ħażin ta' Malta.
   d) Tgħallem dwar l-istorja tal-Mediterran.

35. Kif l-awtur jiddeskrivi lill-ġirien?
   a) Kburin u ġentili.
   b) Strambi u egoisti.
   ċ) Onesti u ta'għajnuna.
   d) Ma ssemmewx.

36. Għaliex l-awtur isemmi l-Mediterran bħala "il-benniena taċ-ċiviltà"?
   a) Biex ifaħħar l-ilmijiet tiegħu.
   b) Għax Malta hija parti importanti minn dan ir-reġjun storiku.
   ċ) Għax Malta għandha ħafna bajjiet.
   d) Għax il-baħar hu sabiħ ħafna.

37. X'jissuġġerixxi l-awtur meta jgħid "nagħmlu tajjeb li nindokrawh"?
   a) Li għandna nkunu kburin.
   b) Li għandna nidħku bil-passat.
   ċ) Li għandna nieħdu ħsieb il-wirt tagħna.
   d) Li għandna nibnu aktar fabbriki.

38. Liema huma ż-żewġ kontinenti li Malta tinsab bejniethom?
   a) l-Ewropa u l-Afrika.
   b) l-Asja u l-Afrika.
   ċ) l-Amerika u l-Afrika.
   d) l-Ewropa u l-Asja.

39. Skont is-silta, x'effett jista' jkollu l-iżolament fuq gżira?
   a) Jgħinha tikber malajr.
   b) Jagħmilha iżjed moderna.
   ċ) Tmexxi lilha nnifisha u ma jindaħlilha ħadd.
   d) Ipoġġiha f'riskju jekk ma jkollhiex riżorsi.

40. Skont is-silta, għaliex il-Maltin huma magħrufin għall-għaqal tagħhom?
   a) Għax għandhom ħafna flus.
   b) Għax għandhom ħafna għalliema.
   ċ) Għax jafu jlaħħqu bil-ftit li għandhom.
   d) Għax dejjem jivvjaġġaw.

41. Xi tfisser "għal kull għadma sar hawn elf kelb"?
   a) In-nies iħobbu l-klieb.
   b) Hemm ħafna kompetizzjoni u ġirja waħda wara l-opportunitajiet.
   ċ) Kulħadd għandu ħafna ikel.
   d) Il-klieb jgħixu aħjar mill-bnedmin.

42. Skont is-silta, x'ried ifisser l-awtur b'"kollox għal wiċċna"?
   a) Irridu naffaċċjaw kollox aħna.
   b) Ħadd ma jimpurtah x'jiġri.
   ċ) Għandna ħafna x'nuru lill-oħrajn.
   d) Dejjem irridu nidhru fuq quddiem.

43. L-għerq tal-verb '**taqa'** ' hu
   a) t-q-j.
   b) t-q-'.
   ċ) t-q-għ.
   d) w-q-għ.

44. "L-iżolament hu ħaġa tal-biża'". X'inhi l-kelma *iżolament*?
   a) nom.
   b) aġġettiv.
   ċ) verb.
   d) parteċipju.

45. Il-plural sħiħ ta' '**ċiviltà**' huwa
   a) ċiviltajiet.
   b) ċivilizzati.
   ċ) ċivilitani.
   d) ċiviltati.

46. "**Meta niltaqgħu ma' Maltin li emigraw...**". Nom minn *emigraw* huwa:
   a) emigrajt.
   b) emigrazzjoni.
   ċ) nemigra.
   d) emigrawha.

47. F’paragrafu 6, il-kelma ‘**mdawra**’ hija
   a) parteċipju passiv.
   b) parteċipju attiv.
   ċ) partiċella.
   d) pronom mehmuż.

48. Għaliex is-silta tagħti eżempju tat-tarbija mdawra b’familtha?
   a) Biex tispjega l-importanza tal-familja.
   b) Biex turi kemm Malta hi vulnerabbli imma protetta.
   ċ) Biex tiddeskrivi s-soċjetà.
   d) Biex titkellem fuq it-twelid.

49. Kif jitkellem l-awtur dwar l-għajnuna bejn il-Maltin?
   a) Ma ssibx għajnuna.
   b) Kulħadd kontra kulħadd.
   ċ) L-għajnuna hija faċli biex issibha.
   d) Għajnuna biss bejn il-qraba.

50. X’konklużjoni jasal għaliha l-awtur?
   a) Li Malta m’għandhiex futur.
   b) Li għandna nibqgħu ngergru.
   ċ) Li l-emigrazzjoni hi l-aħjar għażla.
   d) Li hemm ħafna affarijiet sbieħ li għandna napprezzaw.

**(20 mistoqsija x 2 marki = 40 marka)**

# TMIEM IL-KARTA

# PAĠNA VOJTA